# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 28 ta' Novembru 2001**

**Avviz. numru 901/00**

**Numru 27**

**John Falzon**

**vs**

**Michael Bonnici**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' seba mija u seba' liri Maltin (Lm707) rappresentanti somma flus ghal materjal ta' resin u fibre glass mixtri mill-konvenut minghand l-attur li da parti tieghu baqa' ma thallasx tal-materjal minnu mibjugh u kkonsenjat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 14 ta' Frar 2000, bl-imghax legali. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fis-16 ta' Novembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur s-somma ta' Lm707.00,0 bl-imghax legali mill-14 ta' Frar 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Frar 2000.

Alan Calleja
Deputat Registratur